# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 267

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 61

30 ta' Lulju 2018

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2018/C 267/01 Irtirar ta' notifika ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8832 — Knauf/Armstrong) ([1]) ................................ 1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2018/C 267/02 Rata tal-kambju tal-euro ................................ 2

2018/C 267/03 Informazzjoni mingħand il-Kummissjoni skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/768 ..................... 3

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2018/C 267/04 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8992 — Maritime Holdings/Zeaborn/Zeamarine JV) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ([1]) ................ 4

2018/C 267/05 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8974 — Procter & Gamble/Merck consumer healthcare business) ([1]) ................ 6


([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Irtirar ta' notifika ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.8832 — Knauf/Armstrong)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2018/C 267/01)

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004

Fl-20 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta bejn Knauf u Armstrong. Fl-24 ta' Lulju 2018, il-parti(jiet) notifikanti infurmaw lill-Kummissjoni li hi/huma kienet/kienu qed tirtira/jirtiraw in-notifika.

IV

*(Informazzjoni)*

## INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro** ([1])

**Is-27 ta' Lulju 2018**

(2018/C 267/02)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,1625 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,5193 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 129,25 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 9,1241 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4500 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,7179 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,88823 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,5860 |
| SEK | Krona Żvediża | 10,3010 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 300,18 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,1597 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 15,3967 |
| ISK | Krona Iżlandiża | 122,80 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 7,9454 |
| NOK | Krona Norveġiża | 9,5358 | HRK | Kuna Kroata | 7,4008 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 16 760,34 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,622 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,7250 |
| HUF | Forint Ungeriż | 323,15 | PHP | Peso Filippin | 61,979 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,2918 | RUB | Rouble Russu | 73,2503 |
| RON | Leu Rumen | 4,6290 | THB | Baht Tajlandiż | 38,897 |
| TRY | Lira Turka | 5,6730 | BRL | Real Brażiljan | 4,3472 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,5765 | MXN | Peso Messikan | 21,6713 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 79,8465 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

## Informazzjoni mingħand il-Kummissjoni skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/768

(2018/C 267/03)

Skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/768 tat-22 ta' Mejju 2018 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, matul il-55 sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija fir-rigward ta' ċerti emendi tal-Appendiċi C għall-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) applikabbli mill-1 ta' Jannar 2019 ([1]), il-Kummissjoni tinforma li d-deċiżjonijiet meħuda f'dan il-korp jinsabu fuq:

http://otif.org/en/?page_id=146

([1]) ĠU L 129, 25.05.2018, p. 77

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Il-Każ M.8992 — Maritime Holdings/Zeaborn/Zeamarine JV)

## Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2018/C 267/04)

1. Fl-20 ta' Lulju 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Maritime Holdings (Delaware), LLC ("Maritime Holdings", l-Istati Uniti tal-Amerika) ikkontrollata minn New Mountain Capital (l-Istati Uniti tal-Amerika);

— Zeaborn Chartering Management GmbH ("Zeaborn", il-Ġermanja);

— Zeamarine Zeamarine GmbH ("Zeamarine JV", il-Ġermanja).

Maritime Holdings u Zeaborn jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Zeamarine JV.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża konġunta (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Maritime Holdings: tbaħħir tal-merkanzija fl-oċean;

— Zeaborn: servizzi tat-trasport marittimu tal-merkanzija bi skopijiet multipli;

— Zeamarine JV: trasport ta' merkanzija bi skopijiet multipli (liner/semi-liner u mhux regolari).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż mill-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8992 — Maritime Holdings/Zeaborn/Zeamarine JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.8974 — Procter & Gamble/Merck consumer healthcare business)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2018/C 267/05)

1. Fl-20 ta' Lulju 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— The Procter & Gamble Company ("P & G", l-Istati Uniti tal-Amerika),

— In-negozju Merck KGaA fil-kura tas-saħħa għall-konsumaturi ("Merck OTC Business", il-Ġermanja).

P&G takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Għaqdiet, il-kontroll tan-negozju għall-konsumaturi ta' Merck.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma u assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— P&G: attiva fil-livell dinji fil-provvista ta' oġġetti tal-konsumaturi, inklużi dawk għall-kura tad-drapp u l-kura domestika, grooming, il-kura tas-saħħa, u prodotti tat-trabi, għan-nisa u l-kura tal-familja.

— Merck OTC Business: attiva fil-livell dinji fil-provvista ta' prodotti għall-kura tas-saħħa għall-konsumaturi, inklużi vitamini u minerali, prodotti respiratorji, prodotti għas-serħan mill-uġigħ, prodotti diġestivi u għall-kura tal-ġilda.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8974 — Procter & Gamble/Merck consumer healthcare business

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

---

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT